MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 1208/2009

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Marlene Cauchi, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 464275 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar id-29 ta` Frar 2008, b'qerq fethet jew gieghlet li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat. Jew b'qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta` oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai termini tal-Artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta` Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, bhala ufficjal ta` operatur postali, agrixxiet bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-

gurament li saret skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta` Malta, liema ksur ai termini tal-Artikolu 75 tal-kapitolu 254 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat id-dokumenti esibiti;
Semghet il-prodotti mressqa;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 30, 74, 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti wara li semghet lill-imputata, hija konvinta illi dak diskritt diga fid-29 ta` Frar, 2008, u li bih hija akkuzata l-imputata de facto, gara u hija hekk konvinta ghaliex dawn huma affarijiet illi graw u jigru kontinwament il-post fejn titqassam il-posta. Pero biex reat ta` din in-natura jigi ppruvat, huwa essenzjali illi l-mens rea jew il-kolpa tal-imputat fil-Kommissjoni ta` dan ir-reat jigi pprovat oltre kull dubju ragonevoli.

Din il-Qorti wara li rat il-provi prodotti u ezaminat bir-reqqa d-dokumenti esibiti, mhux konvinta illi dan gie ppruvat jew almenu ma giex ippruvat bizzejjed biex jikkonvinci din il-Qorti dwar il-kolpa tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-kompitazzjonijiet kontra taghha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------